inklużjoni

# VERŻJONI FAĊLI BIEX TAQRA

## LIĠI TAL-2026

## LI TBIDDEL IL-LIĠI TAL-UNCRPD

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-VOLONTARJAT

# VERŻJONI FAĊLI BIEX TAQRA

## Liġi tal-2026 li Tbiddel il-liġi tal-UNCRPD

Din il-liġi se toħloq il-Bord dwar l-Iskema tal-Assistenza fil-finanzjament personali (Bord tal-PBAS), li huwa spjegat aktar tard.



Din il-liġi se żżid taqsima ġdida fil-liġi Maltija li jisimha l-liġi tal-UNCRPD.

UNCRPD huwa titlu qasir li jfisser il-Konvenzjoni (Ftehim) tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

Il-UNCRPD huwa ftehim li sar meta l-pajjiżi kollha fid-dinja (li kollha qegħdin f'għaqda msejħa l-Ġnus Magħquda) ftehmu dwar l-aktar drittijiet importanti li għandu jkollhom il-persuni b'diżabilità.

Il-liġi tal-UNCRPD hija liġi Maltija li tara li dawn id-drittijiet jitwettqu f'Malta, u tgħid min għandu jwettaqhom.



Din il-liġi l-ġdida se tbiddel il-liġi tal-UNCRPD, sabiex jinħoloq bord ġdid li jismu l-Bord dwar l-Iskema tal-Assistenza fil-finanzjament personali (Bord tal-PBAS).

Bord huwa grupp ta' nies li jitkellmu bejniethom u miegħek biex jiddeċiedu dwar ċerti affarijiet.



Jekk int persuna b'diżabilità, tista' titlob il-flus lill-Bord biex tkun tista' tħallas għal affarijiet li jagħmluk iktar indipendenti.

Li tkun indipendenti jfisser li tista' tieħu deċiżjonijiet dwar ħajtek, bħal pereżempju xi trid tiekol, jew fejn trid tmur tgħix.



Dawn it-talbiet jinkludu talbiet sabiex persuni b'diżabilità jirċievu flus mingħand il-Gvern biex iħallsu għall-assistenti personali.

L-assistenti personali huma persuni li jagħtu sapport lill-persuni b'diżabilità fil-ħajja ta' kuljum.



Il-Ministru tad-Diżabilità tagħżel il-membri għal dan il-bord, wara li tkellem lid-Direttur tad-Diżabilità.

Id-Direttur hu l-persuna li jmexxi d-dipartiment tal-Gvern li jwettaq il-liġi tal-UNCRPD.

---



Il-bord se jkun magħmul minn:

- Kap li jissejjaħ Chairperson
- Viċi-Kap li jissejjaħ Deputat Chairperson
- Occupational Therapist
- Social Worker
- Physiotherapist
- Membru ieħor
- Persuna biex tieħu n-noti

---



Iċ-Chairperson se tkun persuna b' diżabilità u li tuża s-servizzi tal-assistenza personali.

---



Il-Viċi-Kap se tkun persuna b'diżabilità, jew membru tal-familja ta' persuna b'diżabilità.

---



L-occupational therapist hija xi ħadd li tgħin lin-nies jagħmlu l-attivitajiet ta' kuljum b'mod iktar faċli.



Social worker hija persuna li tgħin lin-nies isolvu l-problemi f'ħajjithom biex iħossuhom aħjar.



Physiotherapist hija persuna li tgħin lin-nies illi jkollhom problemi biex iħaddmu ġisimhom, per eżempju, għaliex ikunu weġġgħu jew minħabba diżabilità.



Il-membru l-ieħor ser ikun persuna b'diżabilità, jew membru tal-familja ta' persuna b'diżabilità.



Persuna li tieħu n-noti waqt il-laqgħa.

Din il-persuna tissejjaħ segretarju jew segretarja.



Il-Bord jara l-applikazzjoni tiegħek.

Il-Bord jista' jistaqsik għal iktar informazzjoni dwar għalfejn għandek bżonn il-flus.

Il-Bord jista' wkoll jagħżel li jsaqsi persuni oħra, per eżempju tobba li jafuk, għal aktar informazzjoni.

L-Aġenzija Sapport tista' tagħti parir lill-Bord dwar jekk l-applikazzjoni tiegħek hijiex urġenti.

---



Il-Bord jiddeċiedi jtikx il-flus jew le.

---



Il-Bord irid jieħu deċiżjoni malajr.

---




Jekk il-Bord jiddeċiedi li ma jagħtikx il-flus, inti tista' tikteb lid-Direttur għad-Diżabilità.

Għandek 20 jum ċans biex tikteb lid-Direttur.



Id-Direttur se jitlob lil grupp differenti ta' nies biex jaraw l-applikazzjoni tiegħek.

Dan il-grupp jissejjaħ Bord tal-Appell, li jkun magħmul minn:

- Kap li jissejjaħ Chairperson
- Viċi-Kap
- Occupational Therapist
- Social Worker
- Physiotherapist
- Membru ieħor
- Persuna biex tieħu n-noti

Appell ifisser li inti terġa' ddaħħal l-applikazzjoni tiegħek biex tkun ikkunsidrata minn grupp ta' nies differenti.

Il-Bord tal-Appell jiddeċiedi jekk għandekx tirċievi l-flus jew le.

---



In-nies fuq il-Bord ma jistgħux ikunu l-istess nies illi raw it-talba tiegħek l-ewwel darba.

Per eżempju, is-social worker fuq il-Bord tal-Appell trid tkun differenti mis-social worker ta' fuq il-Bord tal-PBAS.

---



Tista' wkoll tmur il-Qorti jekk il-Bord tal-Appell ma jtikx raġun.

Tkun trid  tħallas il-flus biex tagħmel talba lill-Qorti, imma jekk il-Qorti ttik raġun, int tieħu l-flus lura.

---

Kull sena, il-Bord irid jibgħat lill-Ministru għad-Diżabilità u lill-Aġenzija Sapport din l-informazzjoni:

---



Lista tax-xogħol li jkun sar.

---



Kemm flus ġew użati.

---



Kemm baqa' flus li ma ġewx użati.

## Kif tieħu sehem fil-konsultazzjoni pubblika

**A.** Tista' timla dawn il-Kwestjonarji billi ssegwi dawn il-links:

Bil-Malti – billi tagħfas fuq **https://www.surveymonkey.com/r/9Z7W6DM**

Bl-Ingliż – billi tagħfas fuq **https://www.surveymonkey.com/r/5TKB9LL**

**B.** JEW tista' tibgħat il-kummenti tiegħek permezz ta' Email fuq: disability.consultation.miv@gov.mt

**C.** JEW tista' tibgħat il-kummenti tiegħek bil-Posta lil: **Gregory Ellul, Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI), Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, 12, Marsa Central, Livell 1, Il-Moll tal-Ħatab, Il-Marsa MRS 1442**

**Il-kummenti kollha għandhom jaslu sal-Ġimgħa 20 ta' Frar 2026, sa nofsillejl**